# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb*.
Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, il 11 TA FRAR, 1913. NRU. 53.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Collox f'ŭaktu!

Il Carnival jigi, jeŭ, nghidu aħjar, isir min-nies bis-sensja tal Gvern, biex ŭieħed iderri ftit mil hemm ta ma tûl is-sena. U chif fissrilcom il gimgha l'oħra il chittieb tad-*Draŭŭiet taghna*, hu ŭaħda mill'actar antichi fost daŭn id-draŭŭiet, li, seŭŭa fi żmien il Grammastri u seŭŭa mindu haŭn il Gvernaturi ingliżi, mita ħabtu iridu ineħħuħ jeŭ ikassruħ, il Poplu kâm xeŭŭiexa ŭaħda!

Ħalli, mela, isir il Carnival, ħalli jiddeverti il Poplu, ħalli jitkankal il Cummerċ: min ma joghġbux, min irid iŭarrab minnu, jaf li fil Cnejjes isib, daŭc il ġranet, priedchi bit-Taljan u bil Malti u ħafna devozzjonijet oħra; u jecc inkas irid jidher fit-torok, jaf ucoll li hemm ir-*Rtir ta San Calcedonju*.

Imma daŭc li jiddevertu fil Carnival, ghandhom jiftacru li *collox* jaħtieġ isir *f'ŭaktu*!

Nitchellmu iżjed ċar, ghax iċ-ċar m'hemmx isbaħ minnu: m'aħniex nghidu ghal daŭc li jilbsu ta *Mascarati* jeŭ jiddevertu b'xi môd ieħor fit-torok. Daŭc, ma dħul il lejl tal aħħar jum tal Carnival, ma jidhrux actar; u mita jidħol ir-Randan, icun ilhom miġbura f'darhom.

Iżda ma isirx hecc fil Ballijet u fil Veljuni!

Dari, fil ballijet tal *Cażin San Giorġ* u tal *Borża*—chif ucoll f'daŭc collha ta *postijet baxxi*—ma nofs il lejl ta nhar it-tlieta, chien idokk il *God save;* u ghal-chemm chien icun hemm bosta *ballerini allegri*, ħadd ma chien jissogra ighid: *Niżfnu żifna oħra*!

Kieghdin niftacru, donnu 'lbieraħ, mita (Alla jatiħ il Genna) is-Sur Cicc Mifsud Grech, li chienu isiru ghandu il ballijet tal *Cażin San Giorġ*, ordna il *God save* f'nofs il lejl *niekes qŭart*. U tafu ghaliex? Ghax, billi fost il mistednin chien hemm żeŭġ Protestanti u familja Lhudija, ried li f'nofs il lejl icun cull-ħadd barra, biex ma jatihomx scandlu!

Darb'oħra, f'ballu mill'*actar baxxi*, biex x'erba' *discli* jisirku siegha mir-Randan, daŭŭru l'ura minn kabel l'arloġġ tas-Sala!

Imm'issa xejn! Il Veljuni tat-teatru *Rjal* u tat-teatru *Manŭel* (sa fejn nafu aħna, fl'aħħar jum tal Carnival, ma chienx haŭn is-sena ballijet privati fil Cażini) bakghu sejjrin sa 'l ħamsa ta fil ghodu! U mal Cattolici Maltin, li 'lbieraħ collha ħârsu il ġurnata tan-Naŭfragju ta San Paŭl, il ġurnata li tfaccar il bidu ta cburithom fir-Religjon u fiċ-Civiltà, chien hemm jiżfnu bosta Protestanti, irgiel u nisa (qŭasi collha familji tal Fizzjali li fl' *Union Club* taħħom il Maltin jafu chemm huma żorri) u ħafna irgiel ta religjonijet oħra, Xiżmatici, Lhud, Toroc, Buddisti.

Nafu li, dac il ħin, fis-saħna tal ballu u ŭara ħafna żjajjar lill *Buffet*, mhux ghal-chemm tippersŭadi daŭc in-nies collha joħorġu il-barra; u nafu ucoll li l'Impressarju, ghad l'icun ta fehma tajjba u jirrispetta bħala gentlom ix-xeŭka tal Pajjiż, ma jistax jibghat in-nies hu. Imma il Gvern, li minn dejjem ma jippermettix fit-teatru *Rjal* rappresentazzjonijet nhar Ras ir-Randan fil ghaxija, ŭisk actar imissu ma jippermettix Ballu fil ghodu!

Aħna m'aħniex contra il Veljuni ghal-collox: aħjar huma bil bosta minn certi ballijet oħra: u sabiħ ucoll li fid-divertimenti jitħalltu mal Cbarat maltin u ingliżi in-nies tas-snajja. Difatti, it-teatru *Rjal* chien hemm il Gvernatur, l'Avucat tal Curuna, Capijet, Nobbli, Dutturi, Banchieri, Fizzjali; u maħħom Ħajjata, Scrapan, Barbieri, Tal-ħŭienet, Bajjada. Dan, anzi, joghġobna ħafna. U inżidu mieghu li collox mar bil qŭiet u bil ghakal. Imma it-teatru *Rjal* hu tal Poplu Malti, tieghu biss: il Poplu Malti hu Cattolicu: u il Gvern ghandu id-dmir iżid fir-Regulamenti ta dac it-Teatru li, fl'aħħar jum tal Carnival, il Veljun ghandu jispiċċa f'nofs il lejl, biex il Pulizija icollha hecc is-setgha u l'obbligu li tordna l'eghluk tat-teatru *Rjal* dac il ħin.

Il ħuta minn rasha tinten: u sa chemm ma jitkankalx il Gvern, ma ghandniex nittamaŭ li il *Manŭel* u cull fejn isiru il Veljuni jaghmlu xort'oħra.

## Akraŭ.

*(jissocta fuk in-numru 52)*

Ix-Xirca ta San Ġusepp tiġbor fiha mux biss nies ta coll katgħa: Iskfijet, Canonci tal Cattidral u ta Colleggjati, Kassisin u Patrijet, Nobbli, Capijet ta Dipartimenti, Mħallfin, Magistrati, Professjonisti u cotra cbira ta ħaddiema; imma ucoll nies ta coll fehma, li fuk il Consill, jecc għandhomx imorru jeŭ le, ma kablux bejnithom. Issa ta din ix-Xirca l'*organo*, chif igħidu bit-taljan, hua il *Ħabib*: bih ix-Xirca ixxandar u tgħarraf il ħsiebijet u l'għamil tagħha, biex jingibdu lejjha; bih jintagħtaŭ lil imsieħbin l'aħbarijet u't-tŭissijet talli għandu isir jeŭ jiaħtigielhom jagħmlu huma, sabiex ix-Xirca tgħaddi il kuddiem. Għalhecc coll imsieħeb, biex icun ħsieb u kalb ŭaħda mgħax-Xirca, igħix bil ħajja tagħha, f'chelma ŭaħda ma icunx imsieħeb taparsi, *membru* mejjet ta gisem ħajj, jaħtieġlu jakra' il *Ħabib*. Imma ħalli coll imsieħeb jakra' il *Ħabib*, dan ma irid idarras u inaffar lil ħadd minnhom. U din hi ir-raġuni, li għaliha il *Ħabib* ma jistgħax icun ġurnal *pulitcu*. Minn barra minn dan ix-Xirca ta San Ġusepp giet mŭakkfa *għal għajnuna ta bejn il ħaddiema*. Mela m'hux Xirca *pulitca*, u'l *Ħabib*, li ħareġ minnha, ħaġa minn aŭl id-dinja, gibed minn ommu.

Iżda b'dan ma irridx ingħid, iżommha tajjeb f'rasu *Aulo Metellio*, li billi il *Ħabib* m'hux *pulitcu* m'hux ankas *patrjotticu*. Għax tbissem jidħac? Iva *patrjotticu* u m'hux *pulitcu*, bħalma ma jonkosx xi esempju ta ġurnal *pulitcu* li biegħ lil pajjisu. Il *Ħabib*, bħalma ġa urejt, kabeż u, jecc Alla itiħ il għomor, jissocta jakbeż għad-*drittijet tagħna*, juri liema huma u jiftaħ għajnejn in-nies meta iridu iċaħħduna minnhom jeŭ jghaccsuna actar mill ħakk, u dan hu *patrjottismu*; imma fuk chif xi «*hatt mill cbar taghna biddoni li Alla tah ta gherf, ta mezzi u ta capacità*» ghandu jimxi u iħabbatha mgħal Gvern, ħalli jarga' jaklaħħom jeŭ ma jittie-

ħdux lil pajjis, u din hi *pulitca*, il *Habib* iħallih, għar-ragjunijet li għid fuk, lil ġurnali oħrajn, li ma jonksux isammgħu leħenhom fil *pulitca*.

Mela mux biss għar-Religjon jaħdem il *Habib*, imma għal Patrja ucoll, u mux chif kal *Aulo Metellio* li aħna il chittieba tal *Habib «nakbdu il uahda, u l'ohra inhalluha fil gemb.»*

Għaldakshecc, sur Direttur, kaŭŭi kalbec, għax il gazzetta tiegħec, nigħdlec magħ *Aulo Metellio, «compliet u bakghet timxi fit-triek tas-seuua, fil vera missioni tal giurnali jeu ahiar, ta li stampa,... ghar-religion u ghal patria nahdmu uniti... seu seu chif jaghmlu il giurnali onesti, u fosthom dan il giurnal.»*

Tasseŭ li giè xi ŭakt li il chittieba tal *Habib* fittxeŭ actar ir-Religjon, billi il biċċa il cbira huma kassisin u jafu li l'akua ħaġa għal bniedem hija ruħu, fuk li kal Gesù Cristu: «X'jisŭielu il bniedem, jecc jicseb taħt idejh id-dinja u mbagħad jitlef ruħu;» imma int, sur Direttur, għarrafthom b'xi tghemghim li chien sar u'l biċċa iseŭŭiet, billi il *Habib* raga' għal *kasam* tiegħu, ir-Religjon u'l Patrja, raga' għalli chien, *ġurnal religjus-socjali.*

Issa niżżi-ħajr lil *Aulo Metellio* talli tani l'ŭesgħa nuri x'inhi ix-Xirca ta San Ġusepp, liema hi il fehma tal Cumitat li imexxieha, u x'inhu li dan għamel s'issa għal *«isem u il gid tal pajjis»* mux biss, imma ucoll liema hi il *missjoni* tal *Habib* u chif hu dejjem kabeż mux biss għar-Religjon imma ucoll għal Patrja. U niżżiħ-ħajr ucoll talli b'hecc daŭc, li hu ried imakdar u iuakka' mgħannies, geŭ actar magħrufa u għalhecc daŭn icunu jistgħu actar igħożżuhom.

Flaħħarnett, sur Direttur, għandi ngħidlec li magħ *Leo Nardo* żmien iżjed ma irridx nitlef U chif le? Jdhirlec li huma ħŭejjeġ ta min iŭiegeb għalihom daŭn li: il ġurnal *«hua biccia carta qualunque? stampata bil malti»* jeŭ biex icun; li ma *«jattaccax»* il chittieba tiegħu min igħid għalih li m'hux *«verament seriu»*; li *«jiddeffes fejn ma jesghux,*jecc xi chittieb minnhom jakbeż għal ġurnal li chien hecc imgħajjar? Mela il ligi fuk l'istampa lil min tolkot? Lil carta? Għajb li l'Imħallef jibgħad il ħabs lil chittieba, meta daŭn jicsruha! xi tgħidli mbagħad għal dac il cliem ta *Leo Nardo*: li aħna *«hadna il chitba tieghu chif ridna u chif ghogiobna u interpretainiha b'xibirna»*; li fil *Habib* jien *«nuri li ghandi xi interess fih, izied mill jista icollu semplici scrittur»*, u li *«donni irrid nuri li il Habib ghandu zeug Diretturi, inti li tidher, u jien, li ma nidhirx»*? Irid jiċċajta *Leo Nardo*, u mux għalih kalu il cliem l'ieħor: *«basta ma isirux insinuazionijet, u id-discussioni jeu critica tibka fil limiti li tirrichiedi bein galantomti»*.

Inselli għalic, sur Direttur, u nitolboc taħfirli, jecc ma kdejtecx seŭŭa fli kabbattni, għad li il ħtija hija collha tiegħec, li għażiltni minn fost ħafna chittieba oħra, *«li jafu bil bosta tajjeb daks, jecc mux izied»* mill Habib tal kalb tigħec

DUN PAŬL

Il Belt, 7 ta Frar 1913.

---

MIL-KAUUA TA' L-EFFETTI TAN-NATURA NAGHARFU ILLI HUMA MA HUMIEX GEJJIN MINN CAS, IŻDA MINN CUNSILL.

*(jissocta fuk in-numru 46)*

Jecc is-saltna tar-Rumani għallavolja chienet maħcuma bl-acbar għakal, maż-żmien uakgħet u giet fix-xejn, chif allura r-repùbblica (biex ingħidu hecc) tal-ħlieki collha setgħu jintgħamlu u minn fuk jinzammu fit-tkassim tagħhom mil-cas, li fl-għamil tiegħu hua kalliebi? Xejn ma hu iżied naturali illi l-ħuejjeġ ġurnata jeu oħra għandhom isiru bħal dauc li minnhom geu mnisslin. Mela jecc hua minnu, chif ighidu l-ateisti, illi l-ħlieki collha li bejniethom huma tant tajjeb imkassmin, saru mit-taħuid ta' l-atomi permess tal-cas, daun il creaturi la darba għadda tant u tant zmien minn fukhom, chellhom jergħu jgħaddu għat-taħuid illi minnu saru Imma huma dejjem bakgħu kauuija fit-tkassim tagħhom ta' kabel. Mela jaħtieġ li mux biss icun għama, iżda li jrid icun hecc, min ma jarax edac il-ħaddiem tal l-għageb li hi n-natura li bil-ħuejjeġ mitlufā taf tinkeda biex tagħmel ħuejjeġ ġodda; u għalhecc igħidu tajjeb il filosfi mita għidu illi t-tħassir ta' ħaġa hua n-nisel ta' ħaġ'oħra.

L-effetti tan-natura huma tant tajjeb ordinati bejniethom u f'dan l-ordni huma hecc kauuijā illi l-ankas li-stess ateisti jistgħu jiċħdu dan, għalchemm b-hecc jigju jiżibilħu l-cas li tant jgħollu: għax inchella jecc huma jaħsbuha xort'oħra, jcollhom jiddubitau jecc għada x-xemx titla'x mil-lvant bħalma telgħet il-lum u l-ġranet l-oħra collha; jecc l-art tista'x iżżommhom iżied fuk il-uiċċ minn tagħha: jecc l-arja tcunx għalihom iżied ta' għajnuna biex jieħdu n-nifs; jecc icunux jistgħu iżied jaktgħu l-għatx bl-ilma; jecc jituieldux iżied nies bħal kabel; u f-chelma uaħda jecc in-natura collha għandhiex tibka' iżied fis-sura tagħha ta' kabel, jeu nchella tispiċċa bħalma jispiċċa xi palazz tas-sħarijet. Mela l-ateisti jecc ma jridux jiddubitau dan collu, ma għandhomx għal fejn jokogħdu jżommu illi l-effetti tan-natura huma effetti tal-cas. Collox fuk collox għâd li huma jgħallmu hecc, bl-għamil tagħhom juru xort'oħra, għaliex huma jagħmlu bħalma jagħmel ħadd ieħor, jigifieri jiżiergħu, jaħsdu, jieclu, jiddeueu, etc; għaliex chiecu chien seu t-tagħlim tagħhom, huma ma għandhomx għal fejn jagħmlu dan, għaliex, billi l-cas minnu n-nifsu jbiddel fl-għamil tiegħu, huma katt ma jistgħu jcunu sguri jecc tinbetx iż-żerriegħa, mita jiżiergħuha, jecc l-ichel jagħmilx l-effett, li dejjem għamel. Mela l-ateisti biex ma jmerux dan l-għamil tagħhom, għandhom igħidu u jtennu illi l effetti tan-natura ma humiex gejjin minn cas, iżda minn cunsill. Għalchemm ma jistgħux jiċħdu dan mingħajr ma jmeru l-għamil tagħhom, iżda għandhom l-almu għidu illi n-natura ittemm daun l-effetti minnha nfisha mingħajr l-għajnuna ta' ħadd, u b-hecc jigju jiċħdu l-Alla. Biex narau chemm tabilħakk jitkarrku f-dan it-tagħlim tagħhom l-ateisti, nuru għal li gej illi n-natura xejn ma tagħmel mingħajr l-għajnuna t-Alla.

E. F.

---

## Ghatx ta Daûl.

Ŭieħed li għogbu jicteb b'dan l'isem sabiħ (*Ghatx ta Daŭl)* lis-Sur Direttur tal *Malta taghna*, jixtiek jaf u *jitlob li xi chittieb malti jaghmel gid lill Poplu* billi ifisser «il forza tas-Segriet barra mil Krar, u x'jigifieri gjurament u liema persuni ma humiex obbligati jixhdu u contra min.» Xeŭkat tajjbin ŭisk u ta min jaktaħħom! Malli krajnihom, ħassejnihom dieħlin f'kalbna, għax tas-seŭ li hum geŭ mil *ghatx tad-daŭl* u jagħmlu gieħ cbir lil min ħareġ bihom. Il Poplu għandu bżonn u għandu ucoll il jedd li daŭn il ħŭejjeġ icun jafhom, mhux biss għax, minn xi drabi, isir fukhom ħafna cliem fieraħ, bħalma sar m'ilux, fl'aħħar *Giurì* cbir li chien haŭn, imma ucoll, anzi ŭisk actar, għax huma tar-rekka għall cunxenza.

Ma nistgħux ngħidu ma dac li chiteb lill *Malta taghna* li «xi drabi isiru fil cnejjes *disputi* fuk *interessi ta xejn*:» minn għalina, jidhrilna li mhux aħna għandna naraŭ u naktgħu x'in huma l'*interessi tar-Religjon* fid-*disputi* li isiru fil cnejjes: imma dac il Chittieb ħakku min ifissirlu mill'actar fis u mill'aħjar li jista icun f'gażetta żgħira cullma xtiek jaf. Nittamaŭ li, f'kasir żmien, jinkala min jakta ix-xeŭka ta *Ghatx ta Daŭl* f'li stsss *Malta taghna*, għax hecc jixrak; u għall karrejja tal *Habib*, billi il biċċa tmiss il cull-ħadd, nitolbu il Monsinjur DUN MANŬEL Vassall, Professur tad-*Dritt Canonicu* fl'Università, fejn igħallem minn daŭn il ħŭejjeġ lill'istess Avucati, u Moderatur Djocesan tal *Każi Morali*, li, mita jista, bħala ŭieħed mil Chittieba tagħna, jati it-tifsir collu li jidhirlu hu. Min jista jatih aħjar minnu?....

Il Ligi tal Crimnal tgħid hecc:—

«Articlu 593. — Cull min m'hux mariḋ b'moħħu (jigifieri m'hux *belgheni* jeŭ *miġnun*)....jista jixhed.

594.—Ħadd ma jista jigi imneħħi minn xhud imħabba iż-żmien, għax biż-żejjed li il Korti jidhrilha li ix-xhud, għalchemm ta età żgħira, jifhem li hi ħaġa ħażina tixhed il falz.

597.—Għandu jigi mil għakal tal Korti (jigifieri ta li Mħallef jeŭ tal Magistrat) li tara iġġagħalx xhu l jixhed, mita jidher kiegħed iżomm biex ma igħidx contra ommu u missieru, jeŭ contra uliedu, jeŭ contra ħutu, jeŭ contra zijetu, jeŭ contra nepputijet tiegħu, chif ucoll għal xi ħaġ'oħra gejja minn dic ix-xhieda.

604.—L'Avucati u il Procuraturi Legali ma jistgħux jiġu mġagħlin jixhdu fuk dac li huma icunu jafu għax kalulhom min talabhom jiddefenduħ jeŭ jatuħ xi parir. U hecc ucoll għandu isir ma daŭc collha li il Ligi tridhom iżommu is-segriet fuk ħŭejjeġ mistoksijin lilhom fix-xhieda taħħom.

607.—Ebda xhud ma icun imgiegħel iŭiegeb għal mistoksijet, mita, bir-risposta li jati, jista igib il ħtija fuku in-nifsu.

608. Il Korti, bid-dehen taħħa, għandha takta hi, cull darba, jecc xhud, mitā bittŭiegiba tiegħu icun sejjer jicxef għaŭaru (*kżieżu—la sua turpitudine*), għandux iŭiegeb»

Hemm, imbagħd, l'articlu 601 tal Ligi taċ-Civil, li tal Crimnal tagħmlu ucoll taħħa, fejn igħid;—

«601.—Il Korti, bil għakal taħħa, takta cull darba mita xhud, għax it-tŭiegiba tiegħu tista ticxef għaŭaru, ma għandux iŭiegeb għal xi mistoksija; u mita ma għandux jigi mgiegħel li jicxef ħŭejjeġ bi ħsara tas-Servizz tal Gvern.

Iżda, ebda xhud ma jista jigi mgiegħel jicxef dac li giè jaf minn rapporti, jeŭ ittri, jeŭ telegrammi, jeŭ carti oħra li għandhom x'jaksmu ma cull fergħa tas-Servizz tal Gvern, seŭŭa Civil, seŭŭa Militar u seŭŭa Naval.»

Ma dan inżidu dac collu li għedna, xhur ilu, fuk il *Gjurament*; u, ix-xahar li għadda stess, fuk il *Gjurati*. Il bkija—u għad hemm baħar sħiħ—inħalluħ għal min jaf actar minn'na.

---

# Ma dûar il Gżira.

Fil *Letturi Sagri* li sejjrin isiru fiċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica*, bil lastri bħal tal Liceo, ma tûl ir-Randan (akraŭ l'articlu ta M. P. G.) it-tfal ma jistgħux jidħlu; u dan mhux għal ħaġ'oħra ħlief biex icun hemm il qûiet.

—L'*Esercizzi Spirituali* għall'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica* isiru, bħalma għedna, l'aħħar gimgħa ta kabel *Hadd il Palm*. Iċ-Circlu fil ħin taħħom icnn magħluk għalcollox.

—Fil ġranet tal Carnival, il Procuraturi

Legali Paŭlu Reynaud u Dŭardu Asciak-Mifsud ġabru *tnax il lira, erba' xelini u sold* ghal li *Stituti Fkar*; u taŭhom *sitt liri* lil li Stitut ta *Cini* u il bkija (£6-4-1) lil ta *Fra Diegu*. Nifirħulhom b'din l'opra tajjba li ghamlu: bosta tfal fkar jitolbu ghalihom u għal min ghamel f'idejhom din il carità

—Dac li raġa chiteb fuk il Cnisja tal Mosta fl'aħħar *Malta taghna*, ghandna nghidulu li mhux *xi Cavalier* kâl *li hi tirbomba*, imma *Iskof*! Kâlu fil Cumitat General, b'leħen ghôli: u aħna diġà ghednieħ darb'oħra fil *Habib*. Ftehemna?!

—Illum, b'inchejja fîna, chellna nħallu barra l'articlu li jidher dejjem taħt l'isem ta *Ma dŭar id-dinja*: darb'oħra npattu: madan-collu, barra milli reġghet bdiet il gŭerra bejn it-Turchija u il Balcani u li kieghdin jibbumbardjaŭ l'Adrjanopoli u il Ċatalgija, m'hemmx aħbarijet tal impurtanza.

—Fuk il panigiricu tal Patri Majjistru Farrugia ghall San Paul nitchellmu darb'oħra.

# Chitbulna:—

Il 5 ta Frar, 1913.

Sur Direttur, Il belt Valletta.

Nitolboc li, jecc joghġboc, iggib fil veru ġurnal, li jokoghdlu ŭisk tajjeb l'isem ta *Habib*, daŭn l'erba' versi, jecc inti taħseb li dac li sejjer nghid, jista jitŭettak. Cont krajt fil gażetta *Malta e sue dipendenze*, li certu ŭieħed chien chiteb biex bħala tifchira tal Congress Eŭcaristicu, li sejjer isir fil Gżira ghażiża taghna, tinbina Cnisja il-Pietà fit-telgha tal *Gŭardamangja*, ghall'adorazzjoni perpetŭa ta Gesù Sagramentat: iżda, nghid jen, u mieghi sgur ighidu daŭc collha li jaħsbuha tajjeb, ghaliex bħala tifchira tal Congress ma titcabbarx il Cnisja tas-Sorijet tas-Sagrament, li tinsab strada Cristoforo, haŭn il Belt? Bosta huma ir-ragiunijet sabiex tigi imcabbra din il Cnisja. L'eŭŭelnet, li spiża tcun sgur iċchen;— it-tieni, il Cnisja tas-Sorijet Sagramentini hi ŭisk ċchejcna: emminni, Sur Direttur, li id-dmuħ jakbeż minn ghajnejja, mita nara li bosta nies icunu iridu iżuru il Gesù Sagramentat, espost, u ma jistghux jidħlu, ghaliex tcun mimliha sa barra, u jen persŭas li bosta u bosta ma imorrux hemm imħabba in-nukkas tal post;— it-tielet ragiuni, hi li imħabba iċ-ċochon ta dic il Cnisja ŭieħed ma tantx jista jingabar fiħ in-nifsu chif jixrak, cagiun tal ghajjat tat-triek, ghaliex donnoc kieghed tisimghu geŭŭa il Cnisja, u dan hu ucoll nukkas ta kima lejn Gesù;—ragiuni oħra hi li, billi il Congress sejjer icun principalment fil Belt, hu xierak li it-tifchira ta din il cbira ġrajja tcun ucoll fil Belt. Daŭn u bosta ragjunijet oħra iġaghalu illi, jecc ghandha issir Cnisja b'tifchira tal Congress, tigi imcabbra dic tas-Sorijet Sagramentini. Naf tajjeb li jinkala xi ghaŭġ, iżda, jecc aħna ghandna vera kima lejn Gesù Sagramentat, nistghu nghaddu cull difficultà li tista tinkala: u jen nittama li, meta inti tcun krajt din il proposta, inti stess tieħu ħsiebha, tħabrec sabiex isseħħ u mita icun il ŭakt tiftaħ sottascrizzjoni ghall ġabra tal flus fil *Habib* u hecc dan it-tajjeb ġurnal icollu dan il cbir unur. Forsi, taŭŭalt iż-żejjed u forsi ucoll ghal-xejn; iżda jen ma ghamiltx ħag'oħra, ħlief obdejt lil certa vuci, li minn żmien tŭil cont kieghed nisma geŭŭa kalbi; u issa inħossni cuntent, ghaliex smajtha u ġaghalt lil ħadd-ieħor jismaħħa u b'daks hecc jidhirli li ghamilt dac li chelli naghmel.

Icun imbierec Gesù Sagramentat.

Nibghatlec ismi ghas-sodisfazzjon tieghec u jecc issib xi żball nitolboc li ticcorigiħ u ghal hecc niżżic-ħajr minn kabel, inselli ghalic u Gesù iħallsec. SACERDOT.

# Ċajt u Hlieka!

*Lis-Sur* LEO NARDO,
*bil kima collha.*

F'chemm haŭn ilsna fid-dinja,
nieżlin minn fejn nieżlin,
irrid inghid mil Lhudi,
mil Grieg jeŭ mil Latin,
issib, jecc tfittex trid,
*cliem minsi* ŭ *cliem ġdid!*

Id-*Dizzjunari* collha
jistmerru l'*antiqŭati*
u l'ismijet igerrghu
tal aħħar *ritrovati*,
ghax l'ilsna hecc magħġunin,
jissellfu minn xulxin!

Imma trid tcun demm *Ċanu* (*)
biex l'ommoc tbieħ lil ġârec
u tmur tittallab lilu
minn dac li ghandec f'dârec:
dan l'ilsna ma tridux
u kalbna ma troddux!

Mela, bla csuħa, nghidu,
collox bil kies u il ħin:
Prelat, Canôncu, Mitra,
Indiema, Krar, Tkarbin;
għax *daŭn* chienu mill'eŭŭel
u *daŭc* iż-żmien ll'haŭn neŭŭel!

Niftehmu aħjar: biex issa
nitchellmu bil chirjanza,
*ix-xedd taż-żakk* nghidulu:
*ventriera* u *sotta-panza*:
imma ħallejna sħiħa
*iż-żakk*, ghax katt m'hi *xiħa!*

Daħħalna cliem chemm flaħna
taljan spanjol, franciż:
u dieħel ucoll maħħom
(mhux hecc jixrak?) l'ingliż:
imma l'acbar taghbija
gibniha minn Skallija!

Dan, coss!, minn aŭl id-dinja:
ma ridtuniex jeŭŭilla
ingibu 't-*termni* ġodda
miċ-Ċina u mil Manilla?
Nissellfu minn ghand ġârna
*dac li m'ghandniex* ġo dârna!

Imma, ghad li, mal iżmna,
b'cull cliem il Malti staghna,
fl'insiġ, fil gidd, fix-xeħta,
baka, chif tnissel, maghna:
u ma joħroġx tellief
jecc jiġri mal ghorrief!

Min ma jafux, *jidhirlu*
li m'hux *sêrju* biż-żejjed;
iżda x'ħaddied hu dana,
li katt ma chiŭa ħdejjed?!
Jitghallem, jifli, ibati,
kabel ma jakta u jati!

Mil Belgju, mil Germanja,
minn Franza, mill'Italja,
Xirchiet, Ghorrief, Ministri
(chemm hemm nies ħmir u ħâlja!)
jitolbu 'l cotba taghna:
sbieħ aħna, min jismaghna!

F'jum ir-rmied, 1913.

***

(*) Dac li, fil gŭerra tal 1565, chien jiccumbatti fuk is-sŭar tal Isla! Borma biżżift mixghul ħabtet taħraklu idu: u l'iblaħ f'lôc ma ŭaddabha fuk l'eghdeŭŭa, chif chellu jaghmel, xeħitha kalb il borom l'oħra li kabdu collha f'dakka u chienu ghoddhom fixclu il battalja. Minn dac iż-żmien, mita ŭieħed jaghmel xi ħmerija ħoxna, il Maltin (l'actar fil bliet) bakghu ighidu: *Dac Ċanu!* VASSALLO, *Storia di Malta*, faċċata 526.

MIL LUCERNA TAL HAJJA. —45. Żomm dejjem il paci ma cull-ħadd: ati ucoll ħaddec il lemin lil min icun saŭŭtec fuk ix-xellughi.

# Letturi Sagri

FIĊ-CIRCLU TAL UNJONI CATTOLICA.

Billi fir-Randan ma isirux fit-Tiatrin tal Unjoni Cattolica rappresentazzjonijet u inkas cinematografu, il Cumitat ħaseb li jaghmel ħaġa ŭisk sabiħa u ta fejda ghas-Soci u ghall familji taħħom: sejjer icun hemm nhar ta Hadd u xi darba ma tûl il gimgha *Letturi* bħal tal Liceo, bil lastri, iżda dejjem sagri. Sejjrin jaghmluhom ħames Sacerdoti fuk suggetti sbieħ tas-seŭ. Nghidu collox, ħalli cullħadd icun jaf u ma iħalli ebda ŭaħda, specjalment min ma satax imur il Liceo.

It-tieni Hadd tar-Randan, Monsinjur Gaŭci—fuk il Cungress Eŭcaristicu.

It-tielet Hadd, Monsinjur Farrugia—fuk il Miracli ta Gesù Cristu.

Ir-raba Hadd, il Professur Dun Carm Psaila —fuk il Catacombi.

Is-Sibt ta Hadd Lażżru, Dun Ġŭann Gaŭci—fuk Mosè.

It-Tnejn tal Gimgha il Cbira, Monsinjur Galea—fuk San Paŭl.

Il ħin icun fis-sitta u nofs ta fil ghaxija; u il ħlas ta *sold biss*, bħala offerta żghira ghal li spejjes. Sgur min jara darba, jarġa.

M. P. G.

# Fiex it-taljan ma jaKbilx mal-malti

(*Jissocta man-numru 45*)

Il-plural tan-nomi u ta' l-aggettivi fil-Malti jsir b'ictar minn mod ŭieħed: isir—

a) billi jdeffes vocali ta' accent imcarcar—*â*, *û* jeŭ *ie*—ŭara t-tieni consonanti, u jakla' barra l-vocali ta' ŭara l-eŭŭel consonanti—Ara:—

(1) *tàrf*, *ħàlk*, *bèlt*, *kàmħ*, *żèjt*, *bèjt*, *ħàŭt*, *dàŭl*, *ŭild*, *ħàdd*, *zòcc*, li għandhom bi plural *trûf*, *ħlûk*, *bliet*, *kmûħ*, *żjût*, *bjût*, *ħŭât*, *dŭal*, *ŭlied*, *ħdûd*, *zcûc*; u magħhom *nofs*, *għònk*, *għerf* li għalhecc jagħmlu *nfâs*, *għnûk*, *għrûk* bla vocali xejn ma' l-eŭŭel consonanti.

(2) *sûr*, *bîr*, *xîh* (mkassrin minn *sùŭr*, *bìjr*, *xìjh*) li jagħmlu *sŭâr*, *bjâr*, *xjûħ*.

(3) *fénec*, *tífel*, (bit-tieni vocali bħala eŭfônica mitluba minn l-aħħar consonanti u għalhecc floc *fènc*, *tìfl*) li jagħmlu *fniec*, *tfal*; u magħhom *xáhar*, *bágħal*, *rátal*, *nágħal*, (bit-tieni vocali bħala eŭfonica mitluba minn l-aħħar consonanti, u għalhecc floc *xàhr*, *bàgħl*, *ràtl*, *nàgħl*) li jagħmlu *xhûr*, *bgħâl*, *rtâl*, *ngħâl*.

(4) *ħábel*, *kámar* (bit-tieni vocali mitluba minn l-aħħar consonanti u għalhecc floc *ħàbl*, *kàmr*) li b-żieda ta' *a* fl-aħħar jagħmlu *ħbûla*, *kmûra*, u magħhom *bágħal*, *nágħal*, *xîħ* (floc *bàgħl*. *nàgħl* *xìjh*) li, b-żieda ta' *a* fl-aħħar, jagħmlu *bgħûla*, *ngħûla*, *xjûħa*.

(5) *sabíħ*, *ħafîf*, li jagħmlu *sbieħ*, *ħfief*; u magħhom *għażîż*, li jagħmel plural *għżież* u mux *għeżież*.

(6) *fkîr*, *cbîr*, *sħîħ*, *xħîħ* li jagħmlu *fkâr*, *cbâr*, *sħâħ*, *xħâħ*; u magħhom *rkîk*, *lħîħ* *mkît*, *żgħîr*, *rgħîb*, li jagħmlu *rkâk*, *lħâħ*, *mkât*, *żgħâr*, *rgħâb*.

(7) *sidrîja*, *fiskîja*, *tarbîja*, *kasrîja*, li jagħmlu *sdieri*, *fsieki*, *trâbi*, *ksâri* (floc *sdierij*, *fsiekij*, *trâbij*, *ksârij* ta' erba' consonanti) u magħhom *tagħbîja* (b'vucali ŭara l-eŭŭel consonanti) li jagħmel *tgħâbi* (imkassra minn tgħâbij) b-vocali ŭara t-tieni consonanti.

(8) *kanfûd*, *serdûc*, *sendûk*, *ċaflîs*, *ħanżîr-a*, *sarbût*, li jagħmlu *kniefed*, *sriedec*, *sniedak*, *ċfâles*, *ħnieżer*, *srâbat*; u magħhom *raddiena*, *nuffâta*, *għasfûr-a*, *għarnûk*, *għankud*, *dagħbien*, li jagħmlu *rdieden*, *nfâfet*, *għsâfar*, *għrienak*, *għnieked*, *dgħâben*, fis-singular b-vocali ŭara l-eŭŭel consonanti u fil-plural b-vocali ŭara t-tieni consonanti.

(9) *màrden*, *mènfaħ*, *mìngel* *màkbad*, *mànsab*, li jagħmlu *mrâden*, *mniefaħ*, *mniegel*, *mkâbad*, *mnâsab*; u magħhom, *màgħżel*, *mâgħsel*, li jagħmlu plural *mgħâżel*, *mgħâsel*.

(10) *mixtla*, *miżbla*, *mirċba*, li jagħmlu *mxietel*, *mżiebel*, *mriecheb*; u magħhom *màgħgna*, plural *mgħâgen*.

(11) *lucchètt*, *munzèll*, *rucchèll*, *dublètt*, li jagħmlu *lchiechet*, *mniezel*, *rchiechel*, *dbielet*.

b) billi f-chelmiet ta' tliet consonanti jbiddel l-accent sħiħ maħtuf f'nofs accent. Ara:—*sòrra*, *bòrma*, *ġàrra*, *ħàlla*, *fòrma*, *bàlla*, *ħàdra*, *sàfra*, *ħàmra*, *càħla*, *àħdar*, *ìsfar*, *àħmar*, *ìchal*, *sèùda*, *ìsùed*, *bàjda*, *àbjad*, li jagħmlu *sárar*, *bórom*, *ġárar*, *ħálel*, *fórom*, *bálal*, *ħódor*, *cóħol*, *sûùed*, *bójod*; u magħhom *għàrxa*, *àgħrax*, *għàmja*, *àgħma*, li jagħmlu *għórox*, *għómi* (floc *għómij*).

(*Jissocta*) G. VASSALLO.

## L'ICHEL U IX-XORB IŻ-ŻEJJED.

Ùieħed mis-seba' irjus tad-dnubiet il mejjta hu l'ichel u ix-xorb iż-żejjed!... Min jecol u jixrob iż-żejjed, jidneb. Barra milli jidneb u iriegħex l'Alla, jagħmel ucoll ħsara cbira lil gismu. Il bniedem jecol u jixrob biex igħix, u m'hux igħix biex jecol u jixrob! Iż-żejjed inbidded, igħid il kaùl tagħna.

Nofs in-nies tad-dinja jeclu iż-żejjed, innofs l'ieħor ma jecolx sa chemm jixba; u sa mill'ankas tallab fkajjar, li ma isibx biex jitrejjak, sa 'l għona żakkiek, li, bħalma igħid Brillant-Savarin, jista jecol erbgħin darba iżjed milli jinħtieġlu, hemm bejniethom għadd bla tmiem ta tfixchil, li bihom, min b'ħaġa jeù b'oħra, saħħitna mhux dejjem icollha biex tiftaħar.

Mhux il bniedmin collha jeclu indaks, u mal għacs jeù mal għâna, mar-rieda jeù mad-draùùa, li bihom nistgħu naħkru il żakkna, tiżdied ucoll l'arja u il clima, li għandhom ùisk kaùùa fuk il qûantità u il qûalità tal ħùejjeġ tal ichel.

Biex niftehmu aħjar, nistgħu 'nùettku li in-nies ta Fuk (Nord) huma iżjed ùicchielin minn daùc ta nofs inhar (Sud), u li fost daùn l'eùùel lôc ta kuddiem jieħduħ il Germaniżi. Hi ħaġa ùisk tkila li Germaniż ma jecolx inkas minn erba' jeù ħames darbiet ma tûl l'erba' u għoxrin siegħa, u iħarbat fihom bosta ichel, darbtejn jeù tliet darbiet iżjed milli jecol Taljan ta li stess daks.

Ùara il Germaniżi, il palju imiss lill' Ingliżi; u mbgħad lir-Russi. It-Taljani jeclu ùisk inkas, iżda li Spanjol hu l'iżjed mekjus f'iclu fost l'eùropej. Saħansitra fost li stess Spanjoli ta li stess art, tidher differenza cbira fuk dil ħaġa: per esempju li Spanjoli tal pajjiżi ta Fuk huma iżjed ùicchiela minn daùc t'Isfel.

Imbgħad, fost in-nies ta li stess belt jeù raħal, il għâni minn dejjem chellu il għada misħuta li jitħajjar u jittarraf fil għaxka tal ichel, l'actar jecc icun imdaħħal fiż-żmien, għaliex, bħalma igħid l'imsemmi Brillant-Savarin, il bniedem ma jistax icun żakkiek seùùa, kabel ma jagħlak l'erbgħin sena tiegħu.

Cullħadd jaf li il lâla u il gibdiet żejjda għall mejda huma ta min jaħrabhom, għaliex actar ma tatihom iżjed iridu u ùisk iżjed jixxenku, għalhecc Napuljun chellu raġun igħid li il ħila li timxi f'collox bil kjes, hi ùisk itkal mil ħila tas-suldat u il baħri.

Bosta ikisu it-tûl tal ichel u il għadd tal platti mal kliegħ tar-renti tagħhom, u ġà sa mis-seclu l'ieħor, Montesquien, mingħajr ma chien tabib, rà li il fatra u il għaxja żejjda joktlu il biċċa il cbira tan-nies ta Parigi.

Tas-seù li, mingħajr id-dnub tal gula, ittobba u li spiżjari chien icollhom b'inchejja fihom jistrieħu tal-inkas sitt xhur fis-sena. U chemm kagħdu u għad jokogħdu iżjed ħdejn Cjaccu ta Dante, imħabba fil misħuta żakkhom u ir-regħba tal ichel tajjeb?!...

Ir-Rumani, fl'eùùel secoli tar-Repubblica, mal guffaġni tal għadiet tagħhom, kegħdu il belliegħa u ix-xaba tal ichel u ix-xorb żejjed.

Il Consoli u il Cbarat b'idejhom stess chienu isajjru u ihejju il laħam, il ħxejjex u l'ichel tagħhom, minn barra il ħobż li bdeù jużaùħ xi ħames secoli ùara.

Bil ftit il ftit, mar-rebħ u il ħacma, bdeù ighezzu geùùa Ruma il għâna, mal għâna it-tlellix, mat-tlellix ir-rebgħa tal ichel żejjed. Rebbieħa tal Grieghi, bil ftit il ftit ir-Rumani daru għall kerk tas-snajja u tal ittri tal mirbuħin, imma l'iżjed li għoġbithom u ħajjrithom chienet is-sengħa tat-tisjir u il chcina griega.

(*Jissocta*) GIUSEPPE MICALLEF-GOGGI, P.P.

## SOCIETÀ TA S. VICENZ DI PAOLO

(*Conferenza ta Bormla*)

Chif ġa giè imħabbar f'dana il ġurnal, is-Società fuk imsemmija, sejjra tagħmel *fiera u bazaar u bosta divertimenti oħra*, fit-22 u 23 ta Marzu li gejj, a beneficcju tal fkar ta Bormla.

Għalbiex dina il *fiera* tirnexxi actar, il Membri ta dina is-Società, minn haùn u ftit ġranet oħra, sejjrin iżuru il familji ta Bormla, biex jitolbuhom li icunu gentili li jiccontribùixxu xi ħaġa għal dina il fiera, per esempju xi raccmijet, bizzilli, biancherji u ħùejjeġ oħra.

Intant, il Membri ta dina is-Società jisperaù li cullħadd jagħmel mill'aħjar li jista billi jiccontribùixxi xi ħaġa.

Ùieħed għandu jicconsidra biss li, b'dic ix-xi ħaġa żgħira li hu jati, u li għaliħ ma tisùielu xejn, chemm gid cbir jagħmel, u chemm dùejjak ineħħi minn djar il fkajjrin. Dana l'Avviż iservi ucoll għal daùca collha li il Membri tal fuk imsemmja Società, forsi, jinseù, contra il volontà taħħom, iżuru.

Min irid għaldakshecc jibgħat xi oggetti, jista jibgħathom Bormla, għand ùieħed minn daùna is-Sinjuri, mhux actar tard mis-16 ta Marzu:

ir-Rev: Can: Arc: Ġanni Caùchi D.D., 14, Strada San Paolo,
ir-Rev: Can: Teo: Antonio Camilleri D.D., 44, Strada San Paolo,
ir-Rev: Can: Alfonso M. Sacco, 35, Strada San Paolo,
is-Sur Lorenzo Farrugia, 72, Strada S. Giorgio,
is-Sur Michele Caruana, 22, Strada Toro,
is-Sur Paùlu Falzun, 131, Strada Santa Teresa,
is-Sur Giusè Cordina, 100, Strada Toro,
is-Sur Antonio Ellul, 48, Strada Nelson,
is-Sur Manùeli Attard, 87, Strada San Giorgio,
is-Sur Carmelo Galea, 55, Strada San Francesco,
is-Sur Ercole Valenzia, 358, Strada Santa Teresa,
is-Sur Tonin Cassar, 35, Strada Santa Margherita.

Bormla, 6 ta Frar 1913.

ERCOLE VALENZIA,
Segretarju.

BRODU MAGGI.—Il fokra li ma jistgħux jixtru laħam, ma jinseùx li, b'ħames ħabbiet, jistgħu jagħmlu platt brodu tajjeb lill marid taħħom.

## Draùùiet Tagħna

### HADD IN-NIES.

L'eùùel Ħadd tar-Randan, minn nofsinhar il kuddiem, in-nies tmurlec Ħaż-Żabbar, colħadd mirkum u imdandam bl'aħjar ilbies; u in-nisa, għall xi tgħamira deheb fukhom, dac in-nhar tilgħabilhomx. Imorru hemm bil fehma li iżuru il Madonna tal Grazzja, bħallichiecu nedmîn u soghbiena, ħalli ipattu ta chemm icunu ixxalaù u tbaħartu fil ġranet l'imgħoddija tal Carnival.

Ùara li jiżżu-ħajr lill Madonna b'xi talba li igħidu kuddiemha għar-copptejhom, joħorgu mil Cnisja, u jakbdu iduru dlonc mattriekât.

Il ħùienet tar-raħal chif iżejjnuhom u jirrapazzaùhom dac in-nhar, ħùejjeġ tal għageb. Laħam mixùi, fùied mokli, perzût, xuppatu tal chirxa, dixxijet fil forn, torti tal bajd u il ġobon, kassatât, cagħâc tal kastanija,..., minn collox târa minsub fuk l'imùejjed, u is-sîb għall'ichel. Dic ir-riħa tfuħ li icun hemm ta stuffat tal fniec, *imħaùùrin bid-demîs u bir-rġulija*, li tinxtamm sa minn ħdejn armajn il mitħna ta Buleben, tħossha taksamlec u ix-xokkloc kalbec. Tal-lanterna-maġca, erħilhom idokku biss; u il bejħ fil ħùienet, ma jakta xejn.

Ladarba il ħbieb tiltaka' u icun hemm xi sold fil bût, ħadd ma jibka imxennak, u cullħadd jidħolloc f'ħanut jiecol dac il buccun għalanija, l'actar jecc icunu imxeù xi mixja tùila, u geù mir-rħula bogħod.

Għall ħâbta tal għabèx, jibdeù jaħsbu biex jarġgħu idaùùru denbhom u jinġabru pajjiżhom.

Xħin ir-raħal jitbattal min-nies, iż-Żabbarin jibkgħu bi cùiethom ineħħu minn biebil għatba is-siġġijet, u iżarmaù l'imùejjed li icunu hejjeù u firxu għall ħbiebhom u għall krabathom.

DUN GIUŻEPP FARRUGIA, *Cappillan*.

---

Fit-12 ta Jannar 1913, geùùa Ruma, fejn tùieled, miet RAFFAELE MOGLIAZZI, li għadda bosta snin fostna, magħruf bl'isem ta Luigi Rinaldi.

Chien Cattolicu u gentlom fi ħsiebu, fi cliemu u f'għamilu. Għaddeù minn fukuburraxchi kalila, li sofra bil fidi kaùùija ta nisrani, b'tâma cbira fil Kalb ħanina ta Gesù.

Nitolbu il mistrieħ għar-ruħ għażiża tiegħu.

E. A. M.

---

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### XARADA.

Tixrob mill'*eùùel*,
tarda mit-*tieni*:
jecc tigic *collha*
ma tħossocx hieni.

GINU.

---

It-tùiegiba għall'aħħar MISTOKSIJA chellha tcun:

*Mi-r-la*—Mirla.

Giebuha tajjeb: mil Belt, ir-Reverendu Dun G.G., is-Sinjura Catarina Borġ, is-Sinjurina Nicolina Pons u is-Sinjuri G. Attard u Censu Sultana—mil Calcara, is-Sinjurina Maria-Carmela Styles—u minn Għaùdex (*San Laùrenz*) is-Sur Dùardu Grima.